# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 155/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**ANTHONY TABONE**

**Illum, 12 ta'Dicembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Anthony Tabone talli fid-29 ta'Settembru, 2000, u f'dawn l-ahhar xhur, fil-Belt, Valletta, naqas li jobdi ordni legittima moghti lilu mill-Pulizija ta'liema ordni annessa mac-citazzjoni sabiex inehhi l-perikolu w jsewwi l-hsara kif jixraq li hemm fil-fond numru 247, St. Paul Street, Valletta, propjeta' tieghu jew amministrata minnu, u b'hekk hu ma obdiex ordni legittima, bi ksur ta' l-Artikolu 25 tal-Kap. 10 u l-Artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9.

Rat is-sentenza moghtija fl-24 ta' Lulju, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali, li biha ma sabetx lill-Anthony Tabone hati ta' din l-akkuza w, konsegwentement, gie liberat minnha.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 6 t'Awwissu, 2001,li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w, minflok, issib htija fl-appellat Anthony Tabone w tinfliggi l-piena fuqu skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli, skond hu, l-ewwel Qorti interpretat l-Artikolu 25 tal-Kap. 10 fis-sens li jekk persuna tobbliga ruhha

li tnehhi l-perikolu fil-propjeta' in kwistjoni, allura, b'din l-obbligazzjoni tkun ezonerata minn kull htija. L-appellant, ghalhekk, jissottometti li l-ewwel Qorti, meta lliberat lill-appellat f'tali cirkostanzi, kienet ghamlet interpretazzjoni zbaljata ta' din id-disposizzjoni tal-ligi.

Illi l-appellat Anthony Tabone, kemm fit-trattazzjoni verbali ta' dan l-appell, kif ukoll fir-risposta tieghu datata 22 ta'Ottubru, 2001, ghar-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali, jissottometti li sabiex treggi l-akkuza kontrih kellha l-ewwel issir il-prova da parti tal-prosekuzzjoni li hu kien l-propjetarju jew amministratur tal-fond in kwistjoni w li, sussegwentement, f'din il-kapacita' tieghu, naqas li jobdi xi ordni specifiku tal-pulizija sabiex jirrepara xi hsara fl-imsemmi fond. Hu jghid li ma tressqghet ebda prova dwar dawn iz-zewg elementi.

Issa, kif gie ritenut diversi drabi, l-iskop ta' l-Artikolu 25 tal-Kap. 10 hu precizament sabiex jitnehha malajr kemm jista' jkun xi perikolu f' xi propjeta' mill-persuna li tista' effettivament tnehhieh billi din jkollha l-kontroll effettiv fuq dak il-bini jew opra ohra. Dan l-Artikolu ma jispecifika l-ebda persuna partikolari, izda juza semplicement il-kliem " **Hadd ma jista'** ". Ghalhekk l-obbligu li jsiru t-tiswijiet mehtiega fl-iqsar zmien possibbli qieghed fuq kull persuna li b'xi mod ghandha dan il-kontroll effettiv tal-propjeta' in kwistjoni, sija jekk dik il-persuna hija s-sid jew l-inkwilin jew id-detentur jew l-amministratur tal-fond, salv, naturalment, kwalsiasi dritt civili ta'risariciment ta' l-ispejjes li dik il-persuna jista' jkollha fil-konfront ta'persuna jew persuni ohra. Kull wiehed minn dawn il-persuni, jew anke wiehed minnhom biss, jista', ghalhekk, jigi msejjah mill-pulizija biex inehhi l-perikolu, f'liema kaz dan l-obbligu msemmi w mpost bl-Artikolu 25 tal-Kap. 10 ikun jinkombi fuq dik il-persuna li tkun giet hekk imsejjha w mwissija mill-pulizija.

Issa fil-kaz prezenti, ghandu jigi rilevat li minn ezami ta' l-atti u ta' dak kollu li gie verbalizzat waqt li dawn il-proceduri kienu ghadhom quddiem l-ewwel Qorti, jidher li qatt ma kien hemm xi kontestazzjoni da parti ta' l-appellat (allura imputat) fis-sens li hu qatt ma kien irceva xi ordni mill-pulizija sabiex jesegwixxi x-xogholijiet in kwistjoni, jew li kien ma obdiex tali ordni. Lanqas ma jidher li qatt kien hemm xi kontestazzjoni li hu ma kienx il-propjetarju jew l-amministratur tal-fond imsemmi fic-citazzjoni.

Anzi, kuntrarjament ghal dan kollu, din il-Qorti tixtieq taghmel riferenza ghall-verbal datat 24 ta'Lulju, 2001, li sar waqt is-seduta ta' l-istess data quddiem l-ewwel Qorti, fejn huwa evidenti li l-appellat (allura imputat) kien qed jassumi kull responsabilita' li hu jesegwixxi x-xogholijiet mehtiega ndikati mill-Perit Tekniku nominat mill-ewwel Qorti, Godwin Abela, u dan specifikatament sabiex jnehhi l-perikolu nidikat minn dan il-Perit fir-rapport tieghu esebit fl-atti. Barra minn hekk, jirrizulta wkoll, u dan mix-xhieda ta' dan il-Perit, li l-appellat beda jaghmel xi riparazzjonijiet li ghadhom sejrin sal-gurnata tal-lum, u dan taht id-direzzjoni w supervizzjoni ta' dan il-Perit.

Illi dawn il-fatti, ghalhekk, juru bl-aktar mod evidenti li dak li gie sottomess mill-appellat fir-risposta tieghu, kif ukoll mill-avukat difensur tieghu waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, ma ghandu ebda rilevanza assolutament.

Il-punt kollu ta'dan l-appell huwa jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment tezonera lill-appellat minn kull responsabilita' kriminali w tilliberah mill-akkuza semplicement ghaliex, kif qalghet hi, l-allura imputat, li dik l-istess Qorti fis-sentenza taghha ddikjaratu li kien l-amminstratur tal-fond in kwistjoni, kien gja' beda xi xogholijiet w obbliga ruhu li jnehhi xi perikolu kif elenkat mill-Perit Tekniku Godwin Abela nominat minnha.

Bla ezitazzjoni ta' xejn, din il-Qorti tara li gja' la darba dawn il-fatti msemmija juru li r-reat addebitat lill-appellat kien teknikament, u anke legalment, sehh, allura, il-fatt li hu beda jesegwixxi x-xogholijiet indikati mill-Perit Tekniku qatt ma jista' jfisser li hu jinheles minn xi responsabilita' kriminali w htija. Fil-kaz in ezami, din mhiex kwistjoni jekk l-appellat kienx il-persuna responsabbli ai termini ta' l-Artikolu 25 tal-Kap. 10, jew jekk obdiex xi ordni moghti lilu mill-pulizija in forza ta' dan l-Artikolu. L-atti juru li dan kien kollu sorvolat, anzi qatt ma tqajjem quddiem l-ewwel Qorti. Il-kwistjoni hi biss jekk gja' la darba l-allura imputat kien obbliga ruhu li joqghod ghal dak li gie stabbilit mill-Perit nominat mill-ewwel Qorti, sahansitra kien gja' beda jaghmel xi tiswijiet li ghadhom sejrin sal-lum taht id-direzzjoni ta' l-istess Perit, dan il-fatt jinnewtralizzax ghall-kollox ir-reat indikat fl-Artikolu 25 tal-Kap. 10. Certament li le.

U hu propju ghalhekk li l-appellant ghandu ragun jilmenta li l-ewwel Qorti interpretat hazin dan l-Artikolu u qatt ma setghet, f'dawn ic-cirkostanzi, issib lill-appellat mhux hati w tilliberah. Se mai tali fatti setghu jttiehdu in kunsiderazzjoni mill-ewwel Qorti biss ghal dik li hi l-piena, u xejn aktar.

Ghall-motivi premessi, il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u, filwaqt li tiddikjara lill-appellat Anthony Tabone hati skond l-akkuza dedotta kontrih, wara li rat l-Artikoli 25, 318, 319 (1) u 321 (1) tal-Kap. 10, u l-Artikoli 11(1), 338 (ee) u 377 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-Anthony Tabone ghall-hamsin lira Maltin (Lm50) Multa. Inoltre tordnalu sabiex fi zmien ta' mhux aktar minn xahrejn mil-lum inehhi l-perikolu ezistenti kif elenkat fir-relazzjoni tal-Perit Godwin Abela w jaghmel ir-riparazzjonijiet kollha mehtiega skond is-sengha u l-arti fl-istess zmien moghti, dan kollu taht id-direzzjoni w supervizjoni ta'l-imsemmi Perit Godwin Abela, u jekk jonqos milli jesegwixxi dan l-ordni lilu moghti fiz-zmien indikat, huwa jehel piena ta' ammenda ta'zewg liri Maltin (Lm2) ghall-kull gurnata li tkompli l-kontravvenzjoni wara li jghaddi z-zmien ta'xahrejn imsemmi.

Tordna n-notifika mmedjatament ta' din is-sentenza lill-Perit Godwin Abela.

Aldo Testone
Dep.Registratur